# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**John Galea**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjoni miġjuba fil-konfront ta` **John Galea**, detentur tal-karta tal-identita` numru 567155M fejn ġie mixli talli fit-3 t' Ottubru 2014 u fis-sitt xhur ta' qabel, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel xi ħaġa kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċita dritt jew jedd li jippretendi li għandu fixkel lil Rosina Long fil-pussess ta' ħwejjiġha billi neħħa washing machine cylinders użati li huma proprjeta tal-istess Rosina Long u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti, il-provi miġbura u semgħet lill-partijiet jittrattaw;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-jiem in kontestazzjoni Rosina Long kellha ammont ta washing machine

cylinders u spare parts (l-oġġetti) imqegħda fuq bejt. Irriżulta li l-imputat qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni u jidher li hemm kontestazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile dwar x'jeddijiet għandhom relattivament għall-istess fond. L-imputat itenni li hemmhekk huwa mikri lilu filwaqt li l-parte civile ttenni li dan huwa post imħolli b'wirt mill-ġenituri tagħha lill-aħwa. Hija kellha aċċess għal dan il-fond u kienet tmur hemmhekk xi darbtejn fil-ġimgħa. L-imputat ma jiċħadx li l-parte civile kienet verament tmur hemmhekk. Il-parte civile ittenni li għalkemm kienu tkelmu bil-fomm dwar li riedu jaqsmu din il-proprjeta, qatt ma waslu biex jikkonkludu xi kuntratt ta' diviżjoni.

L-imputat kien jaf li l-parte civile kellha dawn l-oġġetti tagħha fuq dan il-bejt, u li dawn kienu ilhom hemm għal snin sħaħ. Meta kellu bżonn li jagħmel manutenzjoni straordinarja tas-saqaf ta' dan il-bejt jirriżulta li l-imputat wettaq ix-xogħolijiet meħtieġa u meta għamel dan kien neħħa dawn l-oġġetti minn fuq il-bejt.

Il-parte civile tgħid li l-imputat qatt ma qalilha li kien ser ineħħihom minn fejn kienu u qatt ma involviha fid-deċiżjoni dwar ir-rimozzjoni tagħhom. Inoltre l-imputat għalqilha l-aċċess għal fuq il-bejt u dawn l-oġġetti hija ma kienetx rathom fejn kienet ħalliethom. Hija riedet li titla fuq il-bejt fejn kien hemm l-oġġetti iżda l-imputat waqqafha milli tagħmel dan u huwa bl-ebda mod ma rritorna lura l-oġġetti fejn kienu.

L-imputat baqa' jtenni li huwa kien jikri dan il-fond u kien iħallas il-kera sa' mill-1992. Dan għamlu wara li kien ħa l-ommu l-Lands Department u kienet qalbet il-kera fuqu. Huwa qal li verament kien irċieva karta mill-Lands sabiex ineħħi l-iskrapp minn dak il-post (JG2), li kien jikkonsisti f'ħafna ħmieġ u ħadid. Huwa stqarr li bintu kienet torqod taħt dak is-saqaf tal-bejt u li kien biddel ix-xorok u rranġa l-bejt anke billi tah il-membrane mill-abjad. L-imputat jgħid li wara li kien għamel ix-xogħol hawn fuq imsemmi, kienet il-parte civile li marret terġa tqiegħed l-oġġetti fuq il-bejt. Minn naħa tiegħu qallha li kien ser iżommha responsabbli.

L-imputat jgħid ukoll li wara li l-parte civile reġgħet qegħdet l-oġġetti fuq il-bejt, huwa xorta ried li jneħħihom u fil-fatt neħħihom. Meta huwa ħa din id-deċiżjoni lil parte civile ma kellimhiex.

Mill-affidavit ta' PS353 jirriżulta wkoll li l-imputat stqarr miegħu li "dan l-aħħar huwa ddecieda li jnehhihom minn hemm u remihom".

***Ikkunsidrat : -***

Fil-kawża "Il-Pulizija versus Eileen Said" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal : -

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-

> azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Fil-fatt kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża "Il-Pulizija vs Anthony Zahra", nhar l-20 ta' Ġunju 2014 jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Fil-każ 'Il-Pulizija versus Eileen Said', hawn fuq imsemmi il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet li:

> Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li issir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet.
>
> L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa.

Minn analiżi tal-provi prodotti jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-parte civile kellha mhux biss l-aċċess għall-bejt in kwistjoni talli għal snin sħaħ hija kienet taħżen fuq dan il-bejt l-oġġetti. Għalkemm jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-jeddijiet rispettivi tagħhom, ma hemmx dubju li l-imputat kien jaf li oħtu kienet teżerċita mhux biss aċċess għall-bejt in kwistjoni talli kienet ukoll taħżen l-oġġetti tagħha hemmhekk. Kien jagħraf bl-eżatt dak li l-parte

civile kienet tagħmel u l-punt tal-kontroversja dwar id-drittijiet rispettivi fuq il-proprjeta x'kien. Ġie pruvat li l-parte civile kienet almenu fid-detenzjoni ta' dawn l-oġġetti.

Inoltre, il-Carrara, fil-paragrafu 2851 tal-Opra tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2851 jgħid : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-fuq l-ewwel element tar-reat tar-ragion fattasi il-Carrara ma jitkellimx fuq "un bene che **possiede**" izda jitkellem fuq "un bene che **gode**" il-vitma. U dan jaghmel sens fil-logika tal-Carrara u tar-reat innifsu.

Issa x'jedd għandu jew m'għandux l-imputat li jkun f'dik it-tgawdija tal-fond hija kwistjoni ta' indoli ċivili li l-Qorti kompetenti trid issa tiddetermina. Ma jistax pero, bl-azzjoni tiegħu l-imputat jivvjola l-istatus quo. Jekk huwa kien iħoss li dawk l-oġġetti kienu hemmhekk mingħajr jedd, jew li saħansitra kien hemm il-ħtieġa li jitneħħew in forza ta' ordni tal-awtorita amministrattiva (skont kif jippretendi hu), stante li kien jaf li dawk l-oġġetti ma kienux tiegħu iżda kienu proprejta ta' oħtu, kellu almenu jinvolviha fl-għarfien tal-ordni de quo u fil-ħtieġa li l-istess

oġġetti jitneħħew minn hemmhekk in forza tal-ordni riċevuta. Biss jidher li l-anqas dan ma għamel l-imputat.

Pero anke jekk din l-istorja tal-ordni mill-Lands ma titqiesx attendibbli u li allura l-ordni ma kienetx toqlot dawn l-oġġetti iżda oġġetti ta' sktapp oħra li kienu jinsabu fil-fond de quo, u jekk l-imputat verament ħass li d-depożitu tal-istess oġġetti t'oħtu kienu vjolattivi tad-drittijiet tiegħu, ir-rimedju li kellu ma kienx li jaqbad u jarmihom 'l hemm mingħajr l-għarfien u l-kunsens t'oħtu, iżda li jadixxi l-awtorita' tal-maġistrat kompetenti.

Skont l-Arabia, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiza li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* izda li tippenalizza l-uzu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni taghhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.[1]

Din jidher ukoll li hija l-posizzjoni imħadna mill-Qorti tal-Appell Kriminali Maltija kif jidher mid-deċiżjoni tal-Prim Imħallef Emeritu

[1] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

Vincent de Gaetano fil-kawża fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs. Georgina Gauci" mogħtija nhar is-7 ta' Jannar 1998 hawn fuq imsemmija.

Bl-azzjoni unilaterali u inkolsulta tiegħu, l-imputat qiegħed lilu nnifsu fi stat li jintegra r-reat ta' *ragion fattasi* skont l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

# DECIDE

Li qegħdha ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara d-debita twissija skont il-Liġi, qegħdha tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien xaharejn millum.

***Mogħtija illum 29 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***